# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**-vs-**

**Hamdi Habib Mohammed Shedi**

**Illum 11 ta' Ġunju, 2024**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijet fil- konfront ta' **Hamdi Habib Mohammed Shedi** ta' 38 sena, iben Hamdi u Fatima xebba Garci, imwieled Tunisia nhar il-11 t'April 1986, residenti Tent Centre, Ħal Far, limiti taż-Żurrieq u detentur tan-numru 0061180A.talli:-

Matul il-lejn ta' bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa r-residenza 32, Triq is-Suq, Floriana u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-**mezz**, bil-**lok**, bil-**ħin** u bil-**valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan

sar ghad-detriment ta’ **Agustin Quijano** u **Rene Emmanuel Sivila Fernandez** u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet oħra.

F’każ ta’ ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ ħtija titratta mal-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie bħala reċediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta – Articles 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 289.
Rat id-dokumenti u l-atti kollha.
Rat l-ammissjoni tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

L-imputat irregistra ammissjon fi stadju bikri tal-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tikkundanna lil **Hamdi Habib Mohammed Shedi** ghal sentejn (2)habs effettivi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**